SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

PARLIAMENTARY SECRETARY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

MALTA

**Il-liċenzji ġenerali tal-kaċċa u tal-insib (*Carnet de Chasse* 2014–15) u ċ-ċrieket tal-għasafar tal-għana iridu jiġu rritornati lill-MaltaPost minn Nhar it-Tnejn 2 ta' Frar sal-Ġimgħa 13 ta' Frar 2015**

Permezz tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 504.71), il-*Wild Birds Regulation Unit* qed titlob lill-kaċċaturi u n-nassaba liċenzjati kollha sabiex jirritornaw il-kotba tal-*Carnet de Chasse* 2014–2015 fi kwalunkwe fergħa tal-MaltaPost minn nhar it-Tnejn 2 ta' Frar sal-Ġimgħa 13 ta' Frar 2015 (iż-żewġ dati inklużi), fil-ħinijet tal-uffiċju tal-MaltaPost. Il-karta tal-identità tal-persuna liċenzjata trid tiġi ppreżentata lill-ufficjali tal-MaltaPost. Min ser jirritorna l-*Carnet de Chasse* f'isem il-persuna liċenzjata għandu jippreżenta kemm il-karta tal-identità tiegħu kif ukoll dik tal-persuna liċenzjata.

L-applikanti iridu jħallsu €20 għal kull *Carnet de Chasse* li jixtiequ jġeddu (€20 għall-*Carnet de Chasse* tal-kaċċa u €20 għall-*Carnet de Chasse* tal-insib). Persuni liċenzjati biex jonsbu għall-għasafar (kemm tal-Għana kif ukoll tal-Pluviera u/jew Malvizz) u dawk liċenzjati biex jaqbdu il-Fenek Selvaġġ bix-xibka, iridu jħallsu ukoll €13.98 ħlas tal-Pulizija għat-tiġdid ta' kull waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji ta' liċenzji li ser iġeddu.

In-nassaba li kienu liċenzjati biex jonsbu għall-għasafar tal-għana fl-istaġun tal-2014 huma mitluba ukoll sabiex jirritornaw iċ-ċrieket kollha li ma użawx lill-MaltaPost flimkien mal-*Carnet de Chasse*. Hemm tlett tipi ta' ċrieket li jridu jiġu rritornati: oranġjo, ħodor u bojod. Kull ċurkett għandu marka "WBRU14".

Hemm refużjoni ta' €0.50 għal kull ċurkett li jiġi rritornat u ħlas ta' €5 għal kull ċurkett li ma jiġix rritornat. Kull persuna tingħata riċevuta tal-ħlas dovut. Il-*Carnet de Chasse* ma jiġġeddidx jekk dawn il-ħlasijiet ma jsirux.

Infakkru lill-persuni liċenzjati li l-ġbir tal-kotba tal-*Carnet de Chasse* huwa obbligu legali. Min ma jixtieqx iġedded il-*Carnet de Chasse* tiegħu xorta irid imur bih il-MaltaPost fil-perjodu immsemmi. Bis-setgħat ta' Skeda VIII tar-Regolamenti imsemmija hawn fuq, min ma jirritornax il-*Carnet de Chasse* fiż-żmien stipulat (sat-13 ta' Frar) jeħel multa ta' €75. Min jibqa' ma jirritornax il-*Carnet de Chasse* sa 30 ġurnata minn din id-data jiġi mħarrek fliema każ il-multa minima hija ta' €500. Il-liċenzji ma jiġġeddux qabel ma jiġi irritornat il-*Carnet de Chasse* u jitħallsu l-multi pendenti.

Min tilef il-ktieb tal-*Carnet de Chasse* għandu jirraporta dan lill-*Wild Birds Regulation Unit*, Casa Leoni, Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta Venera (faċċata tal-iskola Umberto Colosso) waqt il-ħinijiet tal-uffiċju fl-istess dati indikati fuq (sat-13 ta' Frar 2015).

Mistoqsijiet relatati mal-ġbir tal-*Carnet de Chasse* għandhom jiġu indirizzati lill-*Wild Birds Regulation Unit* permezz ta' email wildbirds@gov.mt, bit-telefon fuq 23886214 jew billi tgħaddi fl-uffiċju tal-WBRU fil-ħinijiet tal-uffiċju f'Casa Leoni, Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta Venera (faċċata tal-iskola Umberto Colosso).

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

PARLIAMENTARY SECRETARY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

MALTA

**Hunting and live-capturing general licences (*Carnet de Chasse* booklets 2014–15) and unused finch rings to be returned to MaltaPost between Monday 2nd February and Friday 13th February 2015**

In terms of the Conservation of Wild Birds regulations (S.L. 504.71), the Wild Birds Regulation Unit hereby requests all licensed hunters and live-capturers holding the *Carnet de Chasse* booklets for 2014–2015 to return their booklets at MaltaPost branches between Monday 2nd February and Friday 13th February 2015 (both days inclusive) during branch opening hours. Holders of *Carnet de Chasse* booklets are to present their ID cards to MaltaPost staff. Persons returning *Carnet de Chasse* on behalf of license holders who are unable to return the booklets in person should present the ID card of the license holder and ID card of the person effecting the return.

Applicants shall pay a fee of €20 per each type of *Carnet de Chasse* booklet they are renewing (i.e. €20 per hunting booklet and €20 per live-capturing booklet). In the case of licenses to capture birds and licenses to trap wild rabbit only, applicants shall also be charged Police fee of €13.98 for the renewal of each of these categories of licence.

Live-capturers holding a special finch live-capturing license are also requested to return to MaltaPost together with their *Carnet de Chasse* any unused rings that were previously distributed with their special license. There are 3 types of rings that may be returned: orange, green and white. In all cases rings bear “WBRU14” marking.

Any rings returned in accordance with the above shall be refunded at the rate of €0.50 (fifty cents) per ring returned. Any **non-returned** rings shall be charged at the rate of €5 (five Euros) per non-retuned ring. Receipt of the above charges shall be given to each applicant. Renewal of *Carnet de Chasse* by persons who have not paid such charges will not be accepted.

Licence holders are kindly reminded that the return of *Carnet de Chasse* booklets is a legal obligation. Licensees not wishing to renew their *Carnet de Chasse* are still required to return their booklets to MaltaPost within the stipulated timeframe. By virtue of Schedule VIII of the above Regulations, failure to return *Carnet de Chasse* within the stipulated time (by 13th February) will incur an automatic fine of €75. Persons who fail to return their *Carnet de Chasse* within 30 days from this date will be referred for criminal prosecution, in which case the minimum applicable fine is €500. Licences shall not be renewed unless *Carnet de Chasse* is duly handed over and any outstanding fines have been paid.

Persons who lost their *Carnet de Chasse* booklets should report this to the Wild Birds Regulation Unit, at Casa Leoni, St Joseph High Road, Sta Venera (opposite Umberto Colosso school) during office hours on the same dates as above (before 13th February).

Any questions in relation to the above should be directed to the Wild Birds Regulation Unit via email wildbirds@gov.mt, by telephone on 23886214 or in person at the WBRU office at Casa Leoni, St Joseph High Road, Sta Venera.